# Q O R T I   C I V I L I
**(Sezzjoni tal-Familja)**

**ONOR. IMHALLEF**
**ROBERT G. MANGION**

**Illum 31 ta' Jannar 2018**

**Rikors Guramentat Nru. 413 / 07RGM**

**Kawza fil-lista: 12**

**A B**
**vs**
**C B;**
**D B;**
**E F; u**
**Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat ipprezentat mill-attrici li permezz tieghu ppremettiet u talbet is-segwenti:-

Illi l-attrici twieldet fiz-zwieg bejn il-konvenuti D u C konjugi B u dana skont l-att tat-twelid;

Illi sussegwentement l-attrici giet a konoxxenza taghha illi ghalkemm hija twieldet f'dan iz-zwieg u ghalkemm fir-Registru Pubbliku hemm imnizzel bhala 'Missier it-Tarbija' l-konvenut D B bid-dettalji kollha relattivi tieghu, il-missier naturali u bijologiku tat-tarbija u cioe' illum l-attrici huwa l-konvenut E F;

Illi l-attrici tirrileva illi min-naha taghha u tal-konvenut D B gja' saru t-testijiet xjentifici opportuni tad-DNA fejn gie eskluz li l-konvenut D B huwa l-missier naturali taghha;

Illi ghalhekk l-attrici qed tressaq din il-kawza halli tottjeni dikjarazzjoni minn din 1-Onorabbli Qorti fis-sens hawn fuq indikat u halli jsiru, permezz ta' ordni tal-Qorti, 1-emendi opportuni fl-att tat-twelid ta' l-attrici mill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku;

Ghaldaqstant l-attrici umilment titlob li dina l-Onorabbli Qorti ghar-ragunijiet hawn fuq premessi joghgobha;

1. Prevja kull dikjarazzjoni li dina l-Onorabbli Qorti thoss u ghandha taghti fic-cirkostanzi, tiddikjara illi l-konvenut D B m'huwiex il-missier naturali ta' l-attrici;

2. Tiddikjara illi l-konvenut E F huwa l-missier naturali u bijologiku ta' l-attrici u dana anke permezz tal-hatra ta' perit nominand;

3. Tordna lill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jaghmel il-korezzjonijiet mehtiega fl-Att tat-Twelid bin-Numru 0016209 u dana billi fl-ewwel lok jinserixxi lill-konvenut E F bhala 'missier it-tarbija' fl-att ta' twelid in kwistjoni u fit-tieni lok jinserixxi wkoll id-dettalji kollha relevanti ta' E F fl-istess att ta' twelid;

4. Tordna lill-istess konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku halli, wara li jsiru l-emendi kollha mehtiega ai termini tat-tielet talba attrici, johrog att tat-twelid iehor hekk kif korrett.

Bl-ispejjez kollha kontra l-konvenut E F u l-konvenuti jew min minnhom minn issa ingunti in subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut E F li taqra kif gej:

1. Illi l-azzjoni attrici ma tistax tissussisti u ghalhekk ghandha tigi michuda ai termini tal-artikoli 80 u 81 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u jimmeCw illi jigu respinti, bl-ispejjez kontra l-attrici, billi ma huwiex minnu illi l-esponent huwa l-missier naturali u bijologiku tal-attrici.

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku li taqra kif gej:

1. Illi preliminarjament fil-mertu l-esponent mhux edott mill-fatti kif allegati fir-rikors guramentat u ghalhekk jirrimetti ruhu ghall-provi dwar it-talbiet, inkluz dawk it-testijiet xjentifici necessarji, ghal gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti.

2. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, ir-rikorrenti ghandha tispecifika d-dettalji personali kollha ta' 1-allegat missier naturali u cioe ta' l-intimat E F sabiex jekk it-talbiet dedotti fir-rikors jintlaqghu, dawn id-dettalji ikunu jistghu jigu inseriti fil-kolonni rispettivi fuq l-Att tat-Twelid in kwistjoni.

3. Illi jekk it-talbiet attrici jintlaqghu, jehtieg li l-kliem "the said" jigu kancellati minn taht il-kolonna li tindika d-dettalji ta' l-omm tat-tarbija.

4. Illi fir-rigward tat-tielet talba attrici, ghandha ssir korrezzjoni fin-numru progressiv ta' iskrizzjoni ta' l-Att tat-Twelid in kwistjoni biex jaqra 1218 tas-sena 1985.

5. Illi ghandha ssir id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern ai termini ta' l-Artikolu 254 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

6. Illi fi kwalunkwe kaz it-tibdil rikjest fl-Att tat-Twelid mhuwiex attribwibbli ghal xi nuqqas ta' l-intimat li ghaldaqstant m'ghandux jigi soggett ghall-ispejjez ta' l-istanti.

7. Salv eccezzjonijiet ohra.

Tant ghandu x'jissottometti l-esponent ghas-savju gudizzju ta' din 1-Onorabbli Qorti.

Rat il-verbal registrat fis-seduta tal-14 ta' Jannar 2010 fejn il-kawza giet diffeC 'sine die' billi l-attrici naqset li tiehu hsieb tinnotifika lill-konvenut D B u ma gewx ipprezentati l-affidavits skont il-verbali precedenti;

Rat d-digriet ta' din il-Qorti tal-5 ta' Frar 2010 fejn giet milqugha t-talba tal-attrici li l-kawza tigi riappuntata;

Rat li l-konvenut D B gie notifikat fis-16 ta' Novembru 2011 izda baqa' ma pprezenta l-ebda risposta guramentata;

Rat r-rapport tal-espert tekniku fuq id-DNA Dottor Renald Blundell ipprezentat u mahluf fis-seduta tas-27 ta' Marzu 2012, li kkonkluda li D B mhux il-missier biologiku tal-attrici;

Rat l-affidavit ta'C B, omm l-attrici, mahluf fis-26 ta' Marzu 2012;

Rat il-verbal registrat fis-seduta tal-24 ta' Mejju 2012 fejn gie nominat l-Avukat Dottor Kenneth Gulia bhala Assistent Gudizzjarju biex jigbor il-provi 'viva voce' rigward l-eccezzjoni tal-pussess ta' stat legittimu;

Rat x-xhieda tal-attrici u ta’ D B li xehdu fis-seduta tad-29 ta’ Novembru 2012, u l-kontro-ezamijiet taghhom li saru fis-seduta tas-27 ta’ Marzu 2013, mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju;

Rat il-kontro-ezami ta’ C B, li sar fis-seduta tas-16 ta’ Ottubru 2013, mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju;

Rat ir-rikors tal-attrici tat-12 ta’ Dicembru 2014 li bih talbet li l-konvenut E F jigi ordnat jissottometti ruhhu ghat-test tad-DNA u r-risposta oppozitorja tal-istess konvenut ipprezentata fit-13 ta’ Frar 2015;

Rat il-verbal registrat fis-seduta tal-14 ta’ April 2015 fejn il-partijiet talbu differiment pendenti l-ezitu tal-kawza kostituzzjonali fl-ismijiet ‘Diana Abdilla vs Francesco Saverio Mifsud’ fejn il-mertu kien propju kontestazzjoni tas-setgha tal-Qorti li tordna li jsir t-test tad-DNA mill-persuna li kienet qed tirrifjuta li tissottometti ruhha ghal dan it-test;

Rat il-verbal registrat fis-seduta tal-15 ta’ Marzu 2016, fejn il-kawza giet diffeC ghas-sentenza dwar l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut E F ghall-31 ta’ Mejju 2016;

Rat s-sentenza ta’ din il-Qorti tal-31 ta’ Mejju 2016 fejn giet michuda l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut E F u giet milqugha l-ewwel talba attrici u gie dikjarat li l-konvenut D B ma hux il-missier naturali tal-attrici;

Rat id-digriet ta’ din il-Qorti tat-28 ta’ Lulju 2016 fejn giet milqugha t-talba tal-konvenut E F li jappella mis-sentenza in parte moghtija minn din il-Qorti fil-31 ta’ Mejju 2016;

Rat s-sentenza tal-Qorti tal-Appell tat-18 ta’ Lulju 2017 li kkonfermat s-sentenza ta’ din il-Qorti tal-31 ta’ Mejju 2016;

Rat d-digriet moghti fis-seduta tat-3 ta’ Ottubru 2017 fejn din l-Qorti nnominat lil Dottor Marisa Cassar biex tikkonduci t-testijiet tad-DNA fuq l-attrici u fuq il-konvenut E F;

Rat l-affidavit u r-rapport ta’ Dottor Marisa Cassar ipprezentati fis-27 ta’ Novembru 2017 li juru li l-konvenut E F hu il-missier naturali tal-attrici;

Rat il-verbal registrat fis-seduta tas-7 ta’ Dicembru 2017 fejn il-kawza giet diffeC ghallum ghas-sentenza.

IL-PROVI.

C B, omm l-attrici, fl-affidavit taghha, mahluf fis-26 ta' Marzu 2012,[1] tiddikjara li zzewget lil D B fis-6 ta'Jannar 1970 meta kellha 18 il-sena u nofs. Fil-bidu kollox kien ward u zahar, pero' wara xi zmien zewgha beda johrog kuljum, sar alchoholic u beda jilghab il-karti fil-kazini ghall-flus.

Saret taf lil Georg F tlett snin wara li zzewget, billi zewgha u E F bdew jahdmu flimkien. Saru hbieb u nhar ta' Sibt kienu johorgu flimkien zewg koppji.

Zewgha ma kienx jghaddilha flus ghall-familja billi kien jixrob u jilghab il-karti, ma kienx jaghtiha attenzjoni u kien issawwatha waqt li l-familja kienet qed tikber. Zewgha kien jispicca bla flus billi kien jilghabhom u kien jissellef minghand E. Ix-xhud tghid li kienet ghaddejja minn sitwazzjoni difficili li komplet tmur ghall-ghar bil-mewt ta' missierha fil-15 ta' Mejju 1977. Kienet qed tbaghti minn depression u E kien ta' ghajnuna kbira ghaliha billi dejjem kien jkun hemm ghaliha u kien jgibilha hafna rispett. Billi zewgha l-flus kien jilghabhom, E gieli silfu xi flus, u kien jistaqsiha jekk zewgha tahamliex.

Bejn is-sena 1999 u n-1984 x-xhud tghid li bdiet tiltaqa' ma' E darbtejn fix-xahar meta t-tfal ikunu l-iskola u zewgha kien ikun x-xoghol. Hi tghid li meta' kienet tiltaqa' ma' E ma tantx kien ikollha kuntatti sesswali ma' zewgha billi dan kien ikun dejjem fis-sakra. Lil Geroge saret thobbu hafna u harget tqila bejn April u Mejju tan-1994. Hi ddikjarat li dakinhar li kellha x'taqsam ma' E hi kellha l-'coil' izda din iccaqalqet u harget tqila. Hi kellha 32 sena meta harget tqila u bintha l-attrici twieldet fil-31 ta' Jannar 1985.

Wara li ghamlet gimgha fl-Isptar cemplet il-hanut fejn kienu jkunu jixorbu D u E, hi kellmet lil D. Ftit granet wara cemplilha E u staqsiha "mela t-tifla mhux tieghi ghala ma staqsejtx ghalija?" u hi rrispondietu "Jien mhux ghal zewgi irrid insaqsi". Hi tghid li kienet taf li hafna nies kienu jafu li A hi ta' E u mhux ta' D, pero' dak iz-zmien hi kienet tibza' li D issir jaf. Hi fil-fatt lil D qaltlu xi zmien wara meta kellhom argument.

Ix-xhud tghid li minn dak iz-zmien E beda jitkessah maghha u qalilha li ma riedx jerfa' r-responsabilita' pero' mal-hbieb kien jiftahar li t-tifla hija tieghu.

Meta marret fil-post ta' Pembroke, D kien qal lil E biex jmur jara l-post u dik kienet l-unika darba meta E ra lil A. Hu qatt ma pprova jerga' jaraha u qatghu kull kuntatt bejniethom.

[1] Fol 49.

In kontro-ezami,[2] hi ddikjarat li f'dak iz-zmien April 1984 ma kellhiex relazzjonijet sesswali ma' zewgha u lanqas ma' haddiehor hlief E F. Hi kienet konvinta li t-tifla kienet tieghu. Hi telqghet mid-dar matrimonjali li kellha ma' zewgha D B fin-1998. Iddikjarat li ma ghamlet ebda kawza kontra E F biex jirrikonoxxi lill-bintha. Dan kien beda jichad dan il-fatt wara li twieldet t-tifla billi qabel kien jammetti ma' kulhadd li kienet tieghu. Issemmi incident meta hargu flimkien zewg koppji, kien f'Dicembru, kienet tqila bit-tifla, u barrani staqsa lil E kemm kellu tfal u dan irrisponda 'two girls, one boy and one on the way'. Hi tghid li E kien jghid ma' kulhadd li t-tarbija hi tieghu, tghid espressament "Kien jammetti man-nies, kien jghid ma kulhadd, hemmhekk hafna nies San Gwann jafu, hafna nies kulhadd kien jaf".

A B, l-attrici, xehdet fis-seduta tad-29 ta' Novembru 2012 mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju.[3] Hi ddikjarat li din il-kawza qed taghmilha biex tkun taf min hu l-missier naturali taghha. Meta kellha xi sentejn u nofs ommha sseparat minn zewgha, u meta kellha xi hdax-il sena ommha qaltilha li D B ma kienx missierha. Hi ghalhekk staqsiet lil ommha min kien missierha u ommha wegbitha li kien E F. Meta kellha xi ghoxrin sena lil D B qaltlu "Pa, li hemm bejnietna mhux ser jinbidel pero' inti taf li mintix missieri" u hu wiegeb "dazgur li naf, jiena ilni naf mindu inti twelidt".

Meta kellha xi tlettax il-sena cemplet lil E F billi riedet tkellmu u xtaqet li jsir jafha. Hu kien mar ikkellimha u hi qaltlu 'inti taf li inti missieri' u hu dak il-hin tbissem.

Meta kellha hmistax il-sena, E F taha s-somma ta' elfejn lira Maltin, u meta kellha tmintax-il sena kellha relazzjoni u harget tqila, kellha tarbija, kien fadlilha xi spejjez fid-dar u E F taha elfejn u hames mitt liri Maltin. Xi sena wara ltaqhet mieghu f'kazin, idin d-darba kien ma' ibnu Kevin. Hi qaltlu li tigi ohtu u hu rrispona 'iva kont smajt pero' qatt ma stajt nemmen'. Wara dik il-gurnata qatt ma regghet ltaqhet ma' E F.

Finalment iddikjarat li missierha kien qalilha li wasal iz-zmien li tiftah kawza biex E F jigi dikjarat li hu il-missier naturali taghha. Missierha kien ghamel id-DNA Test darbtejn ghand Dr Blundell u rrizulta li D B mhux il-missier naturali taghha. Kemm il-hbieb ta' D B kif ukoll il-hbieb ta' E F jghidulha 'inti t-tifla tal-Mislah' cioe' E F. Hu qalet "L-ahhar li qaluli dan id-diskors kien il-gimgha l-ohra stess".

In kontro-ezami l-attrici ddikjarat li lil D B dejjem qisitu u habbietu bhala missierha, pero' taf li hu mhux missierha. Hi ddikjarat li kienet dispjecuta hafna li E F irrifjuta li jaghmel it-test tad-DNA. Hi tghid li meta kellha tlett snin tiftakar li

[2] Fol 100.
[3] Fol 79 et seq.

ommha u zewgha D B kienu jiggieldu u jaghmlu zmien twil bil-kemm jitkellmu. Pero’ illum is-sitwazzjoni nbidlet billi kemm hi kif ukoll hutha ghandhom it-tfal u jiltaqghu biex jgawdu n-neputijiet.

Meta kellha xi sittax-il sena kienu kellmu avukat, pero’ billi hi kienet ghadha minorenni, kien jinhtieg li tigi rapprezentata minn ommha li bezzghet tipprocedi billi fuq din il-kwistjoni kienet sseparat, apparti mill-fatt li ommha kienet tiddejjaq minn hut l-attrici, u mill-mara ta’ E F u uliedha. Dan ghaliex meta ommha kellha relazzjoni ma’ E F it-tnejn kienu mizzewgin.

D B, xehed fl-istess seduta.[4] Hu ddikjara li A B hi t-tarbija li weldet martu u li hu rabba bhala bintu. F’dak iz-zmien hu kien habib ta’ E F. Hu jghid li min mindu twieldet t-tarbija hu kien diga’ beda jahseb li ma kinitx tieghu, dan martu kkonfermatulu xi tlett snin wara meta sseparaw. Qaltlu ukoll li anke huwha z-zghir ma kienx tieghu. Hu jghid li kienu hbieb kbar ma’ E F, kienu jieklu ghand xulxin, u meta t-tifla kibret u tkellmu bejniethom iddecidew li jifthu kawza kontra E F.

Meta t-tifla kellha xi tlett snin u hu kien sar jaf li ma kinitx tieghu beda jinqata’ mill-hbiberija ma’ E F. A kienet qed tikber u hu nnota li kienet tixbah hafna lit-tifla l-ohra ta’ E F li kien jisimha Diane.

Hu ghamel zewg tests tad-DNA u rrizulta A B ma hiex it-tifla tieghu.

In kontro-ezami x-xhud iddikjara li lil A dejjem qisha bhala bintu, dejjem deher bhala missierha fid-dokumenti tal-iskola taghha u jghid ‘Jien min mindu twieldet sal-gurnata tallum, dejjem ghozzejtha bhala binti’.

Dottor Renald Blundell, espert tekniku fuq id-DNA, pprezenta u halef ir-rapport tieghu fis-seduta tas-27 ta’ Marzu 2012,[5] u ccertifika li D B mhux il-missier bijologiku ta’ A B.

Il-konvenut E F baqa’ ma xehedx la ‘viva voce’ l-anqas permezz ta’ affidavit. B’verbal registrat fis-seduta tat-13 ta’ Novembru 2014 hu kien gie ordnat jipprezenta l-affidavit tieghu mhux aktar tard mill-24 ta’ Novembru 2014 meta kellha tinzamm seduta mill-Assistent Gudizzjarju. F’dik s-seduta l-avukat tieghu ddikjarat li ma kienx ser jipprezenta affidavit u permezz ta’ nota,[6] ipprezentat ritratt u kummenti relattivi mil-pagna ta’ Facebook ta’ Steve B.

---

[4] Fol 82.
[5] Fol 42.
[6] Fol 116

B'verbal registrat fis-seduta tal-15 ta' Marzu 2016 l-kawza giet diffeC ghas-sentenza fuq l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut E F ghal-31 ta' Mejju 2016. Il-kawza giet deciza dakinhar minn din il-Qorti, giet michuda l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut F u giet milqugha l-ewwel talba tal-attrici li l-konvenut D B ma hux il-missier naturali taghha. Din d-decizjoni giet ikkonfermata fl-intier taghha mill-Qorti tal-Appell b'sentenza tat-18 ta' Lulju 2017.

B'verbal registrat fis-seduta tat-3 ta' Ottubru 2017 gie dikjarat li wara id-decizjoni tal-Qorti tal-Appell kien jonqos li tigi deciza t-tieni talba tal-attrici cioe' li l-konvenut E F hu il-missier naturali taghha u giet nominata Dottor Marisa Cassar biex tikkonduci t-testijiet tad-DNA fuq l-attrici u fuq il-konvenut E F.

Dottor Marisa Cassar ipprezentat l-affidavit u r-rapport taghha fis-27 ta' Novembru 2017.[7] Hi ddikjarat li gabret kampjuni orali ta' A-Mari B ID No. 121885M u ta' E F ID No.717544M u li mit-testijiet li ghamlet irrizulta li E F hu il-missier naturali ta' A-Mari B.

**KONSIDERAZZJONIJIET.**

L-attrici, b'din il-kawza qed titlob li jigi dikjarat li D B mhux il-missier naturali taghha, li jigi dikjarat li l-konvenut E F hu l-missier naturali taghha, li l-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku jigi ordnat jghamel l-korrezzjonijiet mehtiega fl-Att tat-Twelid taghha u li johrog l-att tat-twelid kif korrett.

Il-konvenut E F eccepixxa li l-azzjoni ma tistax tissussisti fit-termini tal-artikoli 80 u 81 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta u li mhux minnu li hu l-missier naturali u biologiku tal-attrici.

L-ewwel eccezzjoni tal-konvenut giet michuda bid-decizjoni ta' din il-Qorti tal-31 ta' Mejju 2016 li giet konfermata mill-Onorabbli Qorti tal-Appell b'sentenza tat-18 ta' Lulju 2017. L-istess jinghad dwar l-ewwel talba tal-attrici, li l-konvenut D B mhux il-missier naturali taghha, li ukoll giet deciza fl-imsemija sentenza. Jibqa' li tigi deciza t-tieni eccezzjoni tal-konvenut E F, fejn qed jecepixxi li hu mhux il-missier naturali u biologiku tal-attrici.

Gialdarba din il-Qorti gia' iddecidiet illi ir-ragel ta' omm l-attrici ma hux il-missier naturali tal-attrici, jehtieg issa li t-talba tal-attrici fil-konfront tal-konvenut F tigi kkunsidrata fid-dawl tal-Artikolu 86A tal-Kap. 16

**Artikolu 86A tal-Kap 16** jipprovdi illi:-

[7] Fol 184.

(1) L-omm ta' iben imnissel jew imwieled barra miż-żwieġ li ma jiġix magħruf mill-missier, u dak l-istess tifel, jistgħu f'kull żmien iressqu talba ġudizzjarja biex tiġi stabbilita l-paternità tat-tifel u biex il-qorti tordna r-reġistrazzjoni ta' dik il-paternità fl-atti tal-istat ċivili relattiv

L-Artikolu 84 jipprovdi illi m'hemmx preskrizzjoni ghall-azzjoni ghal tifel biex jistabilixxi l-filjazzjoni propja tieghu.

Ikkunsidrat;

Fil-kaz in ezami, ghalkemm l-attrici twieldet meta ommha kienet mizzewga ma' D B, u skont l-artikolu 67 tal-Kap.16 "L-iben imnissel matul iz-zwieg jitqies li hu bin zewg ommu" irrizulta abbondantement mill-provi li ommha f'dak iz-zmien ma' kellhiex relazzjonijiet intimi ma' zewgha billi dan kellu il-vizzju tax-xorb u tal-loghob u kien isawwatha. Ommha ammettiet li hi kellha relazzjonijiet sesswali mal-konvenut Geoge F u ma hadd izjed u kienet konvinta li l-attrici bintha kienet wild ta' E F. Il-konvenut D B ukoll iddikjara li mill-ewwel kellu suspett li t-tarbija ma kinitx tieghu, ghalkemm rabbiha daqs li kieku kienet bintu, u d-DNA test kondott minn Dottor Renald Blundell ma' jhalli l-ebda dubbju li hu mhux il-missier naturali tal-attrici.

Irrizulta mill-provi li z-zewg kopji kienu hbieb intimi, u li l-konvenut E F, meta omm l-attrici kienet tqila biha kien jiftahar ma' kullhadd li t-tarbija kienet tieghu. Kien biss wara t-twelied tat-tarbija li biddel l-atteggjament tieghu billi skont omm l-attrici ma riedx jassumi r-responsabilita'.

Il-konvenut E F baqa' ma xehedx. Irrizulta pero' li ddona lill-attrici diversi ammonti ta' flus, u li bintu Diane tixbah hafna lill-attrici.

Finalment r-rizultat tad-DNA test kondott min Dottor Marisa Cassar ma jhalli l-ebda dubju li E F hu il-missier biologiku u naturali tal-attrici.

Dwar l-eccezzjonijiet tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku, kif sewwa gie minnu rilevat il-kliem ' the said' fil-kolonna tal-omm fl-Att tat-Twelid ghandhom jigu kkancellati u referibilment ghat-tielet talba tal-attrici ghandha issir korrezzjoni fin-numru progressiv ta' iskrizzjoni tal-Att tat-Twelid biex jaqra 1218 tas-sena 1985 billi dan gie erronjament indikat bin-numru 0016209 fir-Rikors Guramentat. In oltre, ghandha ssir id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern fit-termini tal-Artikolu 254 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta.

**DECIDE.**

Ghal dawn il-motivi:

1. Prevja li tichad it-tieni eccezzjoni tal-konvenut E F u tiddisponi mill-eccezzjonijiet tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku konformement ma' dak hawn deciz, :

2 Tilqa' t-tieni talba tal-attrici u tiddikjara li l-konvenut E F hu il-missier naturali u biologiku tal-attrici A B;

3 Tilqa' it-tielet talba tal-attrici u tordna lill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jeffettwa l-korrezzjonijiet mehtiega kif iddikjara l-istess konvenut, kif ukoll billi jindika lill-konvenut E F bhal 'missier it-tarbija' fl-Att tat-Twelid in kwistjoni u li jinserixxi l-konnotati kollha dwar E F fl-istess Att tat-Twelid;

4 Tilqa' r-raba' talba tal-attrici.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut E F.

**Imhallef** **Deputat Registratur**